TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1704

KAZ NRU. 2299

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Godwin Degiorgio

u

Is-Socjeta' en nom collettif Miksons (P 843)
u Miksons Company Limited (C 22990)
jew min minnhom.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data : 5 ta' Gunju 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit 30 ta' Gunju 2005.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

Godwin Degiorgio, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avuklat Matthew Brincat u is-Socjeta Miksons u/jew Miksons Company Limited, aktar il-quddiem jissejhu "Miksons", kienu assistiti mill-Avukat Michael Tanti Dougall.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li hu kien gie trasferit ma Miksons meta x-xoghol u l-funzjonijiet ta' *drivers* u *deliverymen* gie trasferit lilhom minn Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd. Illi skond l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali ta' l-2002 u r-Regolamenti dwar Harsien ta' Impiegi fit-Trasferiment tan-Negozju ta' l-2002 l-impieg tieghu kellu jitqies uniku ma l-impieg li kellu qabel it-trasferiment ghal dak li jirrigwarda kondizzjonijiet tax-xoghol u tul ta' impieg. Ikkontenda li mhux minnu li l-impieg tieghu gie terminat minhabba nuqqas ta' xoghol izda ghaliex Miksons segwew struzzjonijiet ta' diretturi u rapprezentanti ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited.

Miksons qalu li kienu ghamlu ftehim ma Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited biex iwettqu xoghol ta' distribuzzjoni ghalihom f'Malta u Ghawdex u skond dan il-ftehim haddiema fid-distribuzzjoni kellhom jibdew jahdmu ma Miksons. Dawn kellhom jibqghu bl-istess paga u hinijiet izda kellhom jaghmlu x-xoghol kollu ta' Miksons u mhux biss tqassim ta' prodotti tal-Kumpanija li kienu maghha qabel. Ikkontendew li qatt ma kien hemm bdil ta' negozju u fil-fatt wara xi zmien ma baqghux joffru dan is-servizz u l-haddiema koncernati gew trasferiti lura. Huma kellhom jitterminaw l-impieg ta' l-appellant ghaliex irrifjuta li jaghmel distribuzzjoni f'Ghawdex.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li :

- sar ftehim biex Miksons jaghmlu xoghol ta' distribuzzjoni ghal Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited ;
- Miksons hadu minn ghand il-Kumpanija l-ohra l-haddiema li kienu jahdmu fuq distribuzzjoni, fosthom l-appellant, u dawn gew registrati ma l-ETC li spiccaw minn ma Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited u bdew ma Miksons ;
- l-appellant tkecca ghaliex irrifjuta li jaghmel distribuzzjoni f'Ghawdex ;
- fil-formola ta' terminazzjoni ta' l-impieg li ntbaghtet lill-ETC, u li giet iffirmata kemm minn Miksons kif ukoll mill-appellant, gie dikjarat li din saret minhabba nuqqas ta' xoghol minflok ghal raguni ta' dixxiplina. Dan sar fuq talba ta' l-appellant biex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol u jircievi l-beneficcju tal-qaghad.

Fit-trattazzjoni finali l-appellant sostna li ma tkecciex minhabba nuqqas ta' xoghol izda fuq incident dwar distribuzzjoni f'Ghawdex fejn qal li ma jistghax imur ghaliex m'ghandux esperjenza tax-xoghol hemmhekk. Bit-trasferiment tal-business, li l-identita tieghu baqghet l-istess, minn entita ghal ohra, l-appellant, skond il-ligi, garr mieghu id-drittijiet kollha li kellu nkluz servizz ta' 13-il sena. Ghalhekk ma kellux jitkecca fuq incident zghir meta fi 13-il sena ma kien inghata ebda *warning*.

Miksons ikkontendew li ma kienx hemm trasferiment tal-busines effettiv ghaliex il-ftehim kien sar bi prova, fil-fatt ma rnexxiex u wara ftit zmien l-arrangament thassar u l-haddiem gew trasferiti lura. Argumentaw li, ghalkemm huma nizzlu nuqqas ta' xoghol bhala raguni fuq il-formola ta' terminazzjoni ta' l-impieg, dan ghamluh fuq talba ta' l-appellant biex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol u jiehu beneficcji tal-qaghad. Barra minn hekk, ghalkemm tkecca ghax irrifjuta li jaghmel xoghol li ghalih kien impjegat, wiehed seta' jghid li kien hemm ukoll *redundancy* ghaliex fil-fatt ma mpjegaw lil hadd minfloku. F'kull kaz kien hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal jikkonsidra li :

- ma kienx kaz ta' *redundancy* ghaliex ix-xoghol ma naqasx, l-appellant gie sostitwit b'impjegat iehor ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd. u ma thallasx *Notice Money* li kien ikun dovut kieku t-terminazzjoni kienet minhabba *redundancy ;*
- ir-raguni ghat-terminazzjoni tnizzlet bhala nuqqas ta' xoghol fuq il-formola ta' l-ETC fuq talba ta' l-appellant u bl-accettazzjoni ta' Miksons ;
- fil-fatt l-appellant tkecca ghax irrifjuta jaghmel xoghol ta' distribuzzjoni f'Ghawdex ;
- ghall-iskopijiet tal-ligi kien hemm trasferiment tal-business ghaliex ix-xoghol baqa ta' l-istess natura u l-haddiema koncernati gew ufficjalment terminati minn Kumpanija u r-registrati ma entita ohra;
- il-fatt li wara zmien il-business gie trasferit lura ma jfissirx li ma kienx hemm trasferiment ;
- l-impjegat kellu jitqies li garr mieghu servizz tajjeb ta' 13-il sena u li tul dan iz-zmien qatt ma kien inghata *warning.*
- Ghawdex jifforma parti mill-pajjiz u haddiem ma jistghax jirrifjuta li jwettaq hemmhekk ix-xoghol li jkun impjegat ghalih sa kemm ma jkunx imgieghel ihallas spejjes addizzjonali minn butu jew jinkisru kundizzjonijiet ta' l-impieg.

It-Tribunal isib li l-appellant naqas serjament meta rrifjuta li jaghmel distribuzzjoni f'Ghawdex li kien xoghol li Miksons kellha dritt tistenna minnu skond l-impieg li kellu. Ma jaqbilx ma l-appellant, li dan kien incident zghir u li ma kienx jimmerita tkeccija ta' haddiem bi tlettax-il sena servizz tajjeb, ghaliex rifjut li wiehed jaghmel xoghol li ghalih ikun impjegat huwa nuqqas serju biz-zejjed li skond il-gravita tieghu jista' jwassal ghal tkeccija anke fejn ma jkunx hemm *warnings* precedenti.

B'dana kollu t-Tribunal ihoss li Miksons ghagglu meta keccew l-appellant malli qallhom li ma jmurx Ghawdex l-anqas jekk ikeccuh. Messhom tawh *warning* li jekk meta jmissu jmur Ghawdex jirrifjuta li jghamel dan, allura jitkecca. Dan kien jipprova minghajr dubju jekk l-appellant kienx biss qed jirrezisti li jmur Ghawdex ghax qabel ma kienx imur normalment u ma kienx jaf ix-xoghol sewwa inkella kienx lest li jirrifjuta assolutament. Anke jekk jinghata kull ghajnuna.

It-Tribunal ha konsiderazzjoni li Miksons u l-appellant ftehmu li jnizzlu r-raguni ghat-tkeccija bhala nuqqas ta' xoghol meta ma kienx hekk. Permezz ta' dan l-appellant rcieva beneficcji sostanzjali li ghalihom hallas il-poplu.

Dan it-Tribunal diversi drabi qal li meta xi hadd inizzel informazzjoni fuq dokument ufficjali li jkun jaf li hi nkorretta irid ibati l-konsegwenzi ta dan l-agir. F'dan il-kaz naqsu serjament iz-zewg partijiet.

It-Tribunal jiddeciedi li, ghalkemm Miksons ghagglu meta keccew l-appellant, kien l-agir tieghu li wassal ghat-tkeccija. Barra minn hekk rcieva beneficcji permezz ta' dikjarazzjoni nkorretta u ma damx ma sab impieg iehor. Ghalhekk it-Tribunal jaghtih biss kumpens limitat.

It-Tribunal jordna li Miksons ghandhom ihallsu lill-appellant is-somma ta' Lm 150 (mija u hamsin lira) fi zmien xahar mid-data tal-lum.

Ma kienx possibbli ghat-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja